**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can) Ph.D**

**Appell Nru: 29/2023**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Nicholas Vella)**

**vs**

**Elton Cutajar**

**Illum 5 ta' Settembru 2023**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti, Elton Cutajar ta' 24 sena, iben Carmel u Maria nee` Galea, imwieled il-Pieta`, fl-4 ta' Marzu 1990, residenti Flat 12, Binja Ħamrija, Flats Indipendenza, Triq il-Ħamrija, Naxxar, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 143690(M), akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

F'dawn il-Gżejjer fid-19 ta' Frar 2013 u matul is-sitt xhur ta' qabel din id-data:

a) Ipproduċa, biegħ jew xort'oħra ttraffika r-raża meħuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi dina r-raża, u dan bi ksur tal-Artikolu 8(b) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

b) Kellu fil-pussess tiegħu l-pjanta cannabis kollha jew biċċa minnha bi ksur tal-Artikolu 8(d) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħu;

c) Kellu fil-pussess tiegħu r-raża meħuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi din ir-raża bi ksur tal-Artikolu 8(a) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħu;

d) Kellu fil-pussess tiegħu l-pjanta cannabis kollha jew biċċa minnha bi ksur tal-Artikolu 8(d) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

e) Kellu fil-pussess tiegħu r-raża meħuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi din ir-raża bi ksur tal-Artikolu 8(a) tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' nhar it-3 ta' Marzu, 2023, fejn il-Qorti sabet lill-imputat Elton Cutajar mhux ħati tal-imputazzjoni (a) miġjuba kontra tiegħu u illiberatu minnha, filwaqt illi sabitu ħati tal-imputazzjonijiet (b), (ċ), (d) u (e) dedotti kontra tiegħu (u dan b'referenza biss għad-19 ta' Frar 2013) u kkundannatu għall-piena ta' seba' (7) xhur priġunerija effettiva u multa ta' disa' mitt ewro (€900), li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kodiċi Kriminali, tista' titħallas mill-ħati f'rati mensili u konsekuttivi ta' mitt ewro (€100), bl-ewwel pagament isir fi żmien xahar mil-lum, b'dan illi jekk il-ħati jonqos milli jħallas pagament wieħed il-bilanċ jiġi dovut minnufih u jiġi konvertit fi priġunerija skont il-liġi.

In oltre ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, kkundannat lill-ħati għall-ħlas ta' żewġ terzi tal-ispejjeż konnessi mal-ħatra tal-esperti fl-istadju tal-proċess verbal u f'dawn il-proċeduri, ossia s-somma ta' erbatax-il ewro u sitta u tletin ċenteżmu (€14.36), rappreżentanti żewġ terzi tal-ispejjeż konnessi mar-relazzjoni ta' PS 465 Daniel Abela, is-somma ta' tnejn u disgħin ewro u tmienja u sittin ċenteżmu (€92.68), rappreżentanti żewġ terzi tal-ispejjeż konnessi mar-relazzjoni ta' PS 826 Matthew Parnis, u s-somma ta' mitejn, ħamsa u sittin ewro u ħamsa u ħamsin ċenteżmu (€265.55), rappreżentanti żewġ terzi tal-ispejjeż konnessi mar-relazzjoni tax-Xjenzat Godwin Sammut, b'kollox ammontanti tali spejjeż għas-somma ta' tliet mija, tnejn u sebgħin ewro u disgħa u ħamsin ċenteżmu (€372.59), liema spejjeż għandhom jitħallsu mill-ħati fi żmien tliet (3) xhur mil-lum.

Finalment sakemm il-Prosekuzzjoni ma tindikax b'nota, illi għandha tiġi preżentata fi żmien ħmistax-il jum mid-data ta' din is-sentenza, illi d-droga u l-oġġetti konnessi mad-droga esebiti f'dawn il-proċeduri huma meħtieġa in konnessjoni ma' xi proċeduri kriminali oħrajn kontra terzi persuni, ordnat d-distruzzjoni tad-droga u ta' dawn l-oġġetti, hekk kif din is-sentenza tgħaddi in ġudikat, u dan taħt il-ħarsien tar-Reġistratur li għandu jirrediġi proċess verbal li jiddokumenta l-proċedura tad-distruzzjoni, liema dokument għandu jiġi nserit fl-atti ta' din il-kawża mhux aktar tard minn ħmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Rat illi l-appellant hass ruhu aggravat minn din is-sentenza u interpona umli appell u fit-tieni aggravju tieghu ghamel referenza ghall-applikabilita tal-Artikolu 8 tal-kap 537 tal-Ligijiet ta' Malta. Jghid li f'dan il-kaz jikkonkorru c-cirkotanzi kolha sabiex din il-Qorti tikkonverti ruha f'Qorti ta' Droga. Inghad ukoll li l-appellant kien gja ghamel talba konsimili quddiem l-ewwel Qorti pero tali talba kienet giet michuda b'digriet tal-ewwel Qorti tat-30 ta' Settembru 2020 u fil-fatt f'dan l-appell qed jigi ukoll mitlub ir-revoka ta' tali digriet. L-ewwel Qorti kienet tal-fehma li r-reati li bihom hu mixli l-appellant ma humiex sostanjzlament attriwibli ghad-dependenza pruvata fuq id-droga u dan ghaliex mill-istqarrija li huwa irrilaxja jidher li kien qed jinnegozja fid-droga sabiex jghamel profit u ihallas xi djun li kellu. Pero fl-istess sentenza finali

taghha l-ewwel Qorti jghogobha tiskarta l-istqarrija ta' l-istess akkuzat. Illi kien ghalhekk li l-appellant hass li kellu jghamle talba ohra abiex din il-Qoti tikkonverti f'Qorti ta Droga.

Illi nhar l-20 ta April 2023 quddiem din l-istess Qorti l-partijiet ftiehmu u iddikjaraw li ai fini tat-talba tal-Artikolu 8 tal-kao 537 tal-ligijiet ta' Malta din il-Qorti tista' tistrieh fuq ix-xhieda moghtija mill-Probabtion Officer u psikjatara u ddikjaraw li l-appellant kien ghadu *clean*. In vista ta' din id-dikjarzzjoni din il-Qorti seduta stante ordnat li l-appellant jissottometti ruhu ghat-test tal-awrina.

Rat ic-certifikat mediku esebit fl-atti a fol 311 rilaxxjat min Dr Mario Scerri li iccertifika li nhar il-25 ta' April 2023 l-appellant kien posittiv ghal presenza ta' THC fl-awrina tieghu.

Rat id-digriet ta' din l-Qorti mghti nhar is-6 ta' Gunju 2023 fejn stqarret li peress li Dr Robera Holland u l-ufficjal tal-probation kienu ilhom hafna li taw id-deposizjoni taghhom din il-Qorti kellha bzonn update tal-istess qabel ma tigi biex tiddegreta it-talba tal-appellant u ghalhekk estendiet l-inkarigu ta' Dr Roberta Holland kif ukoll tal-ufficjal tal-Probabtion Sarah Bezzina sabiex jinfurmaw lil Qorti dwar il-qada tal-appellant u cioe' jekk ghadx hemm ragunijiet oggettivi li jindikaw li l-persuna akkuzata x'aktarx giet riabilitata mid-dipendenza fuq id-droga jew li ghamlet progress jew sforz sostanzjali sabiex tehles mid-dipendenza tad-droga.

Rat ir-rapport tal-Ufficjal tal-probabtion Odelsie Vella Bayliss esebit fl-atti a fol. 321. Tispjega li wara r-reati odjerni li sehhew fi Frar 2013 l-appellant ma regax involva ruhu f'xi reat kriminali iehor. Rekords aggornati min naha tal-habs lanqas ma jindikaw li l-imsemmi skonta xi pieni karcerarji ricenti jew inzamm taht arrest. (Video dok 2 anness mar-rapport taghha). Mill-informazzjoni kompilata mil-ufficjal tal-probabtion irrizulta Cutajar beda jesperimenta bil-Cannabis meta kellu sbatax-il sena. Maz-zmien spicca juza l-Cannabis kuljum ghar-raguni li din kienet tikkalmah. F'dan il-perjodu kien hemm zmien fejn kien jieqaf izda imbaghad rega irrikorra ghaliha. Huwa elenka li qatt ma mess ma' sustanzi ohra bhal Eroina jew Kokaina. L-appellant tenna quddiema li wara l-ahhar seduta tal-Qorti u cioe' nhar is-6 ta' Gunju 2023 iddecieda li jarmi kollox u ma jkollux x'jaqsam aktar ma' din is-sustanza. Qabel is-seduta li

ghaddiet kien ipejjep erba' joints kuljum. Test tal-awrina tieghu li sar fis-7 ta' Gunju, 2023 rrizulta negttiv ghal sustanzi ta' Cannabis, Kokaina u Eroina.

Tghid li prezentement Cutajar ma jinsabx f'kuntatt ma' xi entita lokali li tahdem ma' nies b'xi vizzju partikolari. Minhabba li l-uzu tal-Cannabis hu ricenti l-appellant gie imheggeg biex jaghmel kuntatt ma' Sedqa jew mal-Caritas biex mhux biss jinghata gwida necessarja minn nies professjonali izda anke jkollu l-opportunita' li jhalli l-kampjuni tal-urina fuq bazi regolari sabiex jigi sorveljat l-uzu tad-droga.

Tispjega li Cutajar kien taht il-kura ta' psikjatra ukoll u dan ghaliex ghandu xi kundizzjoni tal-ADHD fejn gew preskritti lilu xi medicinali. Ma rrizultaliex pero li kien ghadu taht il-kura tieghu u minn kuntatt li hija ghamlet ma' dan il-psikjatra irrizulta li l-ahhar kuntatt li Cutajar kellu mieghu kien fil-21 ta' Dicembru 2022 u fil-25 ta' Jannar 2023 meta kien taht it-trattament ghal ADHD u dipressjoni.

Fil-present kien qed jahdem mal-Wasteserv jigbor iz-zejt mahruq u sahansitra l-impjieg tieghu huwa anke registrat mal-JobPlus. Ghandu relazzjoni stabbli mas-siehba tieghu u ghandu zewgt itfal u flimkien jghixu fi flat in-Naxxar.

L-Ufficjal tal-Probabtion tkelmet ukoll ma' Isabelle Agius li hija is-siehba ta' Cutajar u din qaltilha li kienu ilhom f'relazzjoni ghal madwar tmien snin u ddiskrevietu bhala bniedem habriki u missier eccellenti ghal uliedha. Tiddiksrivih bhal peruna maghluqa hafna fiha innifisha.  Tghid li kuntatt ma' ommu u ma' hutu Cutajar ghandu izda ghazel li jaqta' l-kuntatt kollu li kellu ma' missieru minhabba id-dizgwid li huwa kellu ma' misseri fil-passat.

Fejn jidhol il-kuntatt mal-ufficjal tal-probabtion ghal fini ta' dan ir-rapport Cutajar inghata appuntament mill-istess ufficjal ghal nhar is-27 ta' Gunju 2023 madanakollu ma setax jattendi ghaliex sostna li kien imsiefer mal-familja. Huwa nghata apputnament iehor ghal nhar it-3 ta' Lulju 2023 izda ukoll ma attendiex. Ghalhekk skedatlu zewg appuntamenti ohra ghal nahr l-4 u is-7 ta' Lulju 2023 ghal liema zewg appuntamenti attenda.

Ikkonkludiet billi qalet li Cutajar qed jghix hajja pjuttost stabbli fis-sens li ghandu impieg *full time* jinsab f'relazzjoni konjugali stabbli mas-siehba tieghu u huwa missier ta' zewgt itfal. Jidher ukoll li ghandu struttura ta' support mis-siehba tieghu. Il-Qorti

kkonfermat li l-kamjun tal-awrina li huwa ta fil-5 ta' Lulju 2023 ta rizultat negttiv ghal presenza ta' droga kif kkonfermat mill-ufficjal viva voce quddiemha.

Semghet ukoll lil Dr Roberta Holland tixhed nhar l-20 ta' Lulju 2023 u tikkonferma li Cutajar ghamel progress f'hajtu u li kien ghadu qed jirregistra progress. Tghid li Cutajar kien jiehu id-droga Cannabis biex jghinu jindirizza id-disordni ta' ADHD li huwa jbaghti minnha bhal auto kura. Fl-ebda hin pero ma qalet li ir-reati gew kommessi minhabba il-fatt li l-appellant kien qed ibghati mill-abbuz ta' droga. Fl-ebda hin ma pprovat in-ness bejn it-tehid tad-droga u l-kommissjoni tar-reati.

**Ikkunsidrat,**

1. L-**artikolu 8 tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta** jippreskrivi s-segwenti:-

> (1) Meta l-persuna akkużata hija mixlija b'reat kontra l-liġijiet dwar id-droga fir-rigward ta' kwantità ta' droga projbita li, irrispettivament mit-tip tad-droga jew mill-purità ma taqbiżx il-kwantità ta' droga elenkata fil-Linji Gwida li jinsabu fir-Raba' Skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi jew fir-Raba'Skeda tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha bħala kwantità ta' droga li tindika lil-persuna akkużata m'għandhiex tiġi riferita għal proċeduri quddiem il-Qorti Kriminali, jew hi akkużata bit-twettiq ta' xi reat li għalih hemm piena ta' mhux aktar minn seba' snin priġunerija, u l-kundizzjonijiet imsemmija fis-subartikolu (2) huma sodisfatti, il-Qorti tista', wara li tisma' s-sottomissjonijiet magħmula f'isem il-persuna akkużata u f'isem il-prosekuzzjoni u wara li tisma' kull xhud li l-Qorti tqis bħala neċessarju li jinstema', toħroġ digriet li permezz tiegħu l-Qorti tassumi l-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga.
>
> (2) Il-kundizzjonijiet li għandhom jiġu sodisfatti għall-finijiet tas-subartikolu (1) huma dawn li ġejjin:
>
> (a) li r-reat kontra l-liġijiet dwar id-droga jew kontra kull liġi oħra li bih il-persuna akkużata hi mixlija hu sostanzjalment attribwibbli għad-dipendenza ppruvata fuq id-droga tal-akkużat;
>
> (b) li r-reat kontra xi liġi oħra li mhix il-liġijiet dwar id-droga li bih il-persuna akkużata hi mixlija ma jikkonsistix f'reat volontarju kontra l-persuna jew f'att kriminali mwettaq waqt li l-persuna akkużata kienet fil-pussess ta' armi regulari jew bl-użu ta' nar jew splussiv;
>
> (ċ) li hemm raġunijiet oġġettivi li jindikaw li l-persuna akkużata x'aktarx tiġi riabilitata mid-dipendenza fuq id-droga jew li għamlet progress jew sforz sostanzjali sabiex teħles mid-dipendenza mid-droga.

2. Skont l-artikolu 8, hemm żewġ kategoriji ta' reati li jkunu jistgħu jikkwalifikaw għal din il-proċedura speċjali –

A. Dawk ir-reati kommessi taħt il-Liġi li tirregola d-Droga; u

B. Ir-reati li jridu jkunu tali li ma jkunux iġorru piena ta' mhux aktar minn seba' snin priġunerija.

A. Dawk ir-reati kommessi taħt il-Liġi li tirregola d-Droga jistgħu jiġu meqjusa taħt dan l-artikolu 8 dment li l-kwantità ta' droga projbita - irrispettivament minn natura tar-reat, jew mit-tip jew kwalita tad-droga jew mill-purità ta' dik id-droga[1] - ma jkunux ritenibbli li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tal-Qorti Kriminali billi dik il-kwantita ma tkunx taqbeż, fil-każ ta':

| | |
|---|---|
| i. *cannabis* (qanneb indjan) : 300 grammi; | |
| ii. herojina u kokajina : | 100 gramma; |
| iii. ecstasy: | inqas minn 300 pillola. |
| iv. LSD: | inqas minn 300; |
| v. kwadruamfetamina: | inqas minn 300 gramma. |
| vi. ketamina: | inqas minn 150 gramma. |

B. Ir-reati li jridu jkunu tali li ma jkunux iġorru piena ta' mhux aktar minn seba' snin priġunerija. Hawnhekk l-istess artikolu 8 ma jagħmilx distinzjoni bejn in-natura tar-reati li jkunu saru bi ksur tal-Liġijiet dwar id-Droga. Iżda dawn il-Qrati, f'diversi digrieti mogħtija minn Ġudikanti differenti iddeċidew li ma jkunx jagħmel sens li l-Leġislatur iqis, f'nifs minnhom, dan l-artikolu bħala li jipprovdi applikabbilita wiesa fir-rigward tar-reati kontra l-Liġi tad-Droga li jaqgħu biss taħt il-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Maġistrati,[2] biex imbagħad fl-

[1] ma tkunx taqbeż il-kwantità ta' droga elenkata fil-Linji Gwida li jinsabu fir-Raba' Skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi jew fir-Raba 'Skeda tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha bħala kwantità ta' droga li tindika lil-persuna akkużata m'għandhiex tiġi riferita għal proċeduri quddiem il-Qorti Kriminali.

[2] – u li allura fil-każ ta' ħtija – jkunu jistgħu jwaslu għal piena li, skont l-artikoli 22(2)(b)(i) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta jew l-artikolu 120A(2)(b)(i) tal-Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta' Malta, ma taqbiżx l-għaxar snin priġunerija u l-multa ta' mhux inqas minn erba' mija u ħamsa u sittin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€465.87) iżda mhux iżjed minn ħdax-il elf sitt mija u sitta uerbgħin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€11,646.87).

istess nifs jeskludi dawk il-każijiet li jkunu jaqgħu taħt l-istess tipoloġija ta' reati u ġurisdizzjoni tal-Qorti, iżda li jkunu jġorru l-piena ta' aktar minn seba' snin priġunerija taħt l-istess Liġijiet tad-Droga – meta din id-distinzjoni ssirx mill-istess Liġi tad-Droga innifisha. B'hekk dawn il-Qrati interpretaw din il-parti ta' dan l-artikolu bħala li tirreferi għal dawk ir-reati l-oħra, ċjoe li ma jkunux reati li jaqgħu taħt il-Liġijiet tad-Droga, u li ma jkunux iġorru piena ta' mhux aktar minn seba' snin priġunerija.

3. Fiż-żewġt ipoteżi A u B hawn fuq imsemmija, l-artikolu 8 jeħtieġ ukoll li :
   a. il-kundizzjonijiet imsemmija fis-subartikolu (2) tiegħu jridu jkunu ġew sodisfatti u
   b. il-Qorti tista', wara li tisma' s-sottomissjonijiet magħmula f'isem il-persuna akkużata u f'isem il-prosekuzzjoni u wara li tisma' kull xhud li l-Qorti tqis bħala neċessarju li jinstema', tqis li l-każ ikun jimmerita li hija tassumi l-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga.

4. Il-kriterja imsemmija fis-subartikolu 2 tal-artikolu 8 huma dawn :-

   (a) li r-reat kontra l-liġijiet dwar id-droga jew kontra kull liġi oħra li bih il-persuna akkużata hi mixlija hu sostanzjalment attribwibbli għad-dipendenza ppruvata fuq id-droga tal-akkużat;

   (b) li r-reat kontra xi liġi oħra li mhix il-liġijiet dwar id-droga li bih il-persuna akkużata hi mixlija ma jikkonsistix f'reat volontarju kontra l-persuna jew f'att kriminali mwettaq waqt li l-persuna akkużata kienet fil-pussess ta' armi regulari jew bl-użu ta' nar jew splussiv;

   (ċ) li hemm raġunijiet oġġettivi li jindikaw li l-persuna akkużata x'aktarx tiġi riabilitata mid-dipendenza fuqid-droga jew li għamlet progress jew sforz sostanzjali sabiex teħles mid-dipendenza mid-droga.

5. Jiġifieri l-artikolu 8 tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta jinkludi l-applikabbilita ta' din il-Liġi u l-proċedura speċjali li biha din il-Qorti tista' tassumi l-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga, **<u>anke fil-każ fejn ir-reat ikun</u>**

**kommess taħt il-Liġi tad-Droga, jkun xi jkun**, diment li l-kwantita tad-droga involuta fir-reat tkun taqa' fil-parametri tal-ammonti imsemmija fir-Raba' Skedi tal-Kapitoli 31 jew 101 tal-Liġijiet ta' Malta b'mod li għal dawn ir-reati l-imputat ma jkunx jista' jiġi riferit għall-kawża quddiem il-Qorti Kriminali; u b'hekk b'mod li l-azzjoni kriminali kontra tiegħu tkun passibli quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali.

Illi minn esami tal-provi prodotti kif tajjeb osservat l-ewwel Qorti fid-digriet taghha l-appellant kellu dipendenza fuq id-droga cannabis anke' possibilment fiz-zmien meta gew imwetqa ir-reati pero madankollu ma hiex sodisfatta li dak li tehtieg il-ligi fil-paragrafu (a) tas-sub artikolu (2) tal-artikolu 2 ossia r-reati li jinsab mixli l-appellant huma **sostanzjalment attriwibbli ghad-dipendenza** pruvata fuq id-droga tal-istess appellant. Tant li kif qalet l-ufficjal tal-probabtion li huwa kien jiehu id-droga sabiex itaffi mill-kunizzjoni tal-ADHD.

Ikkunidrat is-suespost il-Qorti ma hiex sodisfatta li l-kundizzjonijiet elenkati fl-artikolu 8 (2) tal-kap 537 tal-Ligijiet ta' Malta jissussitu u ghaldaqstant **qed** tichad it-talba tad-difiza u tordna il-prosegwiment tal-kawza.

**Consuelo-Pilar Scerri Herrera**

**Imhallef**

**Maria Grech**

**Deputat Registratur**